**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 17/2022 NC**

**Jane Refalo sive Jane Mizzi Refalo**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

Illum 12 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti Jane Refalo sive Jane Mizzi Refalo (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2022 fejn talbet lil din il-Qorti, fost l-oħrajn, is-segwenti:

*"Għaldaqstant, l-esponenti qed tadixxi bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti Sede Kostituzzjonali) prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet fuq premessi jogħġobha:*

*I. Tordna s-soprasessjoni tal-proċediment tal-kawża fl-ismijiet Calleja Michelina et vs. Refalo Jane (Rikors Ġuramentat Numru 23/2021) [...]."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali.

Rat ir-Risposta tal-intimat l-Avukat tal-Istat (*a fol.* 32 *et seq.*) ippreżentata fit-8 ta' Frar 2022 fejn, fost l-oħrajn, oġġezzjona għat-talba hawn fuq kwotata.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022, il-konsulenti legali tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li dakinhar stess kienu lesti li jagħmlu sottomissjonijiet dwar it-talba hawn fuq kwotata (u ċioé l-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors Kostituzzjonali).

Semgħet, fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022, is-sottomissjonijiet tal-konsulenti legali tal-partijiet fir-rigward tat-talba hawn fuq kwotata.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Ġunnu 2022, il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum sabiex jingħata l-provvediment dwar it-talba hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota illi dan huwa provvediment in segwitu ta' talba li biha qed jintalab li din il-Qorti tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri fil-kawża fl-ismijiet **Michelina Calleja et vs. Jane Refalo** (Rikors Maħluf Numru 23/2021).

Illi l-Qorti tinnota li fir-Rikors Kostituzzjonali tagħha r-rikorrenti tgħid is-segwenti:

- hija proprjetarja ta' terz indiviż tal-fond bin-numru wieħed u għoxrin (21), fi Triq il-Knisja, Għasri, Għawdex;

- permezz ta' Rikors Maħluf Numru 23/2021 intavolat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) ippreżentat f'April 2021 minn Michelina Calleja, Mary Mizzi u Bilt Dev Limited ġie mitlub li l-Qorti tapprova l-bejgħ li sabu tal-fond hawn fuq imsemmi u tordna l-

pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ *ai fini* ta' Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

- ir-rikorrenti saret taf li ħutha riedu jbiegħu l-fond in kwistjoni fi Frar 2021 u li qabel dakinhar kien preżunt li l-aħwa ser jibqgħu jgawdu l-proprjeta' tal-ġenituri tagħhom flimkien;

- ir-rikorrenti oġġezzjonat għal dan il-bejgħ imsemmi stante li, skont hi, il-fond in kwistjoni huwa komodament diviżibbli bejn it-tliet aħwa fi tliet porzjonijiet u li għalhekk hija ser tkun gravament preġudikata peress li tista' tiġi mċaħħda milli żżomm is-sehem tagħha in-natura, mill-proprjeta' tal-ġenituri tagħha;

- minkejja li saru diversi tentattivi biex tiġi trattata d-diviżibilita' tal-proprjeta' in konformita' mad-drittijiet fundamentali fil-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) kif ukoll riferenza kostituzzjonali, dawn ġew miċħuda;

- ir-rikorrenti tisħaq hekk: *"Illi l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġie introdott biex jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjeta' li tkun inżammet komuni għal ħafna snin bejn numru ta' komproprjetarji u jkun diffiċli li l-proprjeta' tiġi diviża bejniethom. Iżda dan ma jfissirx li l-Artikolu 495A għandu jiġi applikat f'kull każ l-istess iżda għandu jkun applikat skont il-każ partikolari. F'dan ir-rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 495A għandu jżomm bilanċ xieraq u ekwu bejn l-interess ġenerali tal-kommunita' u l-jedd fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha, meta bħal fil-każ in kwistjoni, il-proprjeta' tista' tiġi diviża komodament bejn il-partijiet. Fil-każ de quo ma jistax jingħad li l-bejgħ tal-proprjeta' skont l-Artikolu 495A huwa fl-interess pubbliku, peress li kull komproprjetarju jista' jżomm jew jiżviluppa s-sehem li jkun ġie hekk assenjat lilu"* (*a fol.* 3).

Illi fir-Rikors Kostituzzjonali tagħha r-rikorrenti, apparti li titlob lil din il-Qorti tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri hawn fuq imsemmija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) titlob ukoll li din il-Qorti:

- tiddikjara u tiddeċiedi li fil-każ odjern l-applikazzjoni ta' Artikolu 495A qed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha (u ċioé tas-sehem tagħha mill-proprjeta' 21, Triq il-Knisja, Għasri, Ghawdex) skont Artikolu 502 tal-Kodiċi Ċivili kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

- tordna li l-bejgħ tal-fond in kwistjoni ma għandux iseħħ peress li dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha.

Illi, fir-rigward ta' l-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti, da parte tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat jisħaq li t-talba għal soprasessjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li qed tisma' l-kawża hawn fuq imsemmija u mhux quddiem din il-Qorti u li f'każ li f'din l-ewwel (1) talba r-rikorrenti qed titlob għal miżura proviżorja, din għandha tiġi miċħuda. L-Avukat tal-Istat isostni li l-għoti ta' rimedju proviżorju m'għandux ikun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali. Huwa jgħid: *"Hemm qbil fil-ġurisprudenza tagħha li biex jingħata rimedju bħal dan jeħtieġ li jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li qed titolbu.*[1] *Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali*[2]*, talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija*[3] *u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.*[4] *Meqjusa, dawn l-eżempji, huwa bil-wisq evidenti li ċ-ċirkostanzi odjerni mhumiwex daqshekk serji li jxaqilbu favur il-ħruġ ta' miżura provviżorja; ma hemm ebda kwistjoni urġenti jew*

---

[1] Ara *Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fil-15 ta' Frar 2016 u *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fid-9 ta' Jannar 2017.

[2] Ara *Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju 2013 u *Rosario sive Sario Sultana vs. L-Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fis-27 ta' Frar 2017.

[3] Ara *Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fil-13 ta' April 2018.

[4] Ara *Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April 2014, *Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju 2016 u *Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-7 ta' Awwissu 2017.

*straordinarja bħal theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumita' fiżika tal-persuna. Għaldaqstant ladarba ma hemm ebda raġuni valida biex tingħata miżura provviżorja, l-ewwel (1) talba rikorrenti għandha tiġi miċħuda"* (*a fol.* 32 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti, qabel tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti in eżami, tinnota li minkejja li fit-talba tagħha r-rikorrenti ma tirreferiex għal talba għal miżura proviżorja jew kliem f'dan is-sens ma għandux ikun hemm dubju li huwa dan li qed titlob lil din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talba għal miżura proviżorja hawn fuq imsemmija

Illi l-għan ta' miżura proviżorja, hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti tilmenta l-applikazzjoni ta' Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta qed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha (u ċioé tas-sehem tagħha mill-proprjeta' 21, Triq il-Knisja, Għasri) tant li fit-tielet (3) talba tagħha fir-Rikors Kostituzzjonali titlob li l-bejgħ tal-fond imsemmi ma għandux iseħħ peress li dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha.

Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn ir-rikorrenti tkun trid tipprova li għandha każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħha. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Numru 50/2016/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti:

> "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.[5]"

Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħal provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[6]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[7]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.[8]" [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tagħmilha ċara illi l-eżami li sejra tagħmel rigward it-talba għal miżura proviżorja in eżami, kemm jekk tintlaqa' t-talba u kemm jekk tiġi miċħuda, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tat-talbiet l-oħra hekk kif kontenuti fir-Rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet l-oħra jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fir-rigward tat-talbiet l-oħra u, bl-istess mod, f'każ li t-talba

[5] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.
[6] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Numru. 46837/99) § 110.
[7] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.
[8] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et**.

tiġi milqugħa ma jfissirx illi t-talbiet l-oħra sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu.

Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali miżuri ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey**[9] illi:

> *"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> *[...]*
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he*

[9] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005. Ara wkoll **Shamayev and Others v. Georgia and Russia**, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473.

*or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".* [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura *interim* hijiex mistħoqqa ġie spjegat b'mod ċar fil-provvediment mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista' takkorda miżura proviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk:

> "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti *o meno* ta' *interim measures*. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax *interim measures*:
>
> 1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.[10] [...]
>
> 2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ[11];
>
> 3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors

[10] **Mark Formosa vs. L-Avukat Generali** 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.) *coram* Onor. Imħ. Jacqueline Padovani Grima.
[11] **Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja** 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.).

> tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.[12] Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-*interim order* jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema".[13] [...]
>
> 4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]
>
> 5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali."

Illi l-miżura proviżorja li qed tintalab fil-każ odjern tikkonsisti fis-soprasessjoni tal-proċediment tal-kawża fl-ismijiet **Michelina Calleja et vs. Jane Refalo** (Rikors Maħluf Numru 23/2021) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali).

Illi stabbiliti l-prinċipji legali hawn fuq imsemmija, il-Qorti ser tistħarriġhom wieħed wieħed ħalli tanalizza jekk japplikawx għat-talba in eżami.

Ir-Rimedju Jingħata Biss Meta Ma Jkun Hemm L-Ebda Rimedju Ordinarju A Dispożizzjoni Tar-Rikorrent:

Illi l-proċeduri ċivili li qed jintalab li jiġu sospiżi għadhom qed jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali). F'każ illi f'dik il-kawża l-Qorti ser tilqa' t-talbiet tal-atturi, ir-rikorrenti f'din il-kawża ser ikollha d-dritt li tappella minn tali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell.

Biex Ikun Jista' Jingħata Rimedju Proviżorju, Jeħtieġ Li Min Jitolbu Juri Li Hemm Każ *Prima Facie* Ta' Ksur Ta' Jedd Fundamentali:

Illi sabiex tingħata miżura proviżorja wieħed ma jistax jibbaża t-talba tiegħu fuq ċirkostanzi li huma ipotetici. Il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) għad trid tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-kawża bin-Numru

[12] **Rosette Thake vs. Prim Ministru** 09.06.2016 Prim'Awla (Kost) JRM.

[13] **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali** (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali.

23/2021 hawn fuq imsemmija u li, kif ngħad hawn fuq, jista' jiġi ntavolat appell minnha. Apparti minn dan, kwalunkwe riskju li r-rikorrenti tiġi ffaċċjata bih ladarba tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) huwa ipotetiku u għadu mhux reali. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija tgħallem illi ma jissussistix l-element tal-*prima facie* sabiex tiġi milqugħa talba bħal dik odjerna.

<u>Tkun Sejra Sseħħ Ħsara Li Ma Tkunx Tista' Titreġġa' Lura Għall-Interessi Vitali Tal-Parti Kkonċernata Jew Għall-Perkors Tal-Eżami Li L-Qorti Jkun Jinħtiġilha Tagħmel</u>:
Illi l-ilment imressaq mir-rikorrenti huwa li l-applikazzjoni ta' Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta qed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħha (u ċioé tas-sehem tagħha mill-proprjeta' 21, Triq il-Knisja, Għasri). Il-Qorti tinnota li fuq il-miżien ma jeżistux biss id-drittijiet tar-rikorrenti pero' hemm ukoll l-obbligu li l-ġustizzja trid titwettaq ma kulħadd u li proċeduri ġudizzjarji oħra quddiem Qrati oħra m'għandhomx jiġu mwaqqfa bla ebda raġuni valida.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi, fin-nuqqas tagħha illi tilqa' t-talba in eżami tar-rikorrenti, mhux ser tiġi kkawżata lir-rikorrenti xi ħsara irrimedjabbli u dana peress li, kif ingħad aktar 'il fuq, wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) tagħti s-sentenza tagħha fil-proċeduri hawn fuq imsemmija, ir-rikorrenti tista' tappella mis-sentenza mogħtija quddiem il-Qorti tal-Appell. Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti għandha rimedju illi tista' tirrikorri għalih fl-agħar ipotesi.

<u>L-Eżistenza Ta' Riskju Imminenti, Li Għalhekk Jimmerita T-Teħid Ta' Miżuri Urġenti</u>:
Illi, a skans ta ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti li għandu japplika hawn ukoll u għaldaqstant ma jirriżultax li hemm r-riskju imminenti neċessarju għat-teħid ta' miżuri urġenti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fl-24 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri**

**vs. Avukat tal-Istat** (Numru 454/2021) fejn il-Qorti kkwotat is-segwenti:

> "Fil-ktieb ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi:
>
> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"*."[14]

Illi, minn analiżi tal-fatti rigwardanti t-talba odjerna in eżami, ma jirriżultax li hemm "*an imminent risk of irreparable harm to life and limb*".

Fil-Każ Li Jkun Hemm Ġudikat, Xorta Jista' Jingħata R-Rimedju Proviżorju, Iżda Biss F'Każijiet Verament Eċċezzjonali:
Illi dan l-element ma japplikax għal każ odjern għax għad ma hemmx deċiżjoni li saret *res judicata* u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tikkumenta dwaru fl-ambitu tat-talba in eżami.

Illi b'hekk isegwi li l-ebda wieħed mill-elementi msemmija fil-provvediment fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-**

[14] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4$^{th}$. edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak.

**Istat et** (Numru 227/2019) hawn fuq kwotat ma ġie sodisfatt. Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja hekk kif mitluba fl-ewwel (1) talba tar-Rikors Kostituzzjonali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors Kostituzzjonali u ċioé fejn intalab li l-Qorti tordna s-soprasessjoni tal-proċediment tal-kawża fl-ismijiet **Michelina Calleja et vs. Jane Refalo** (Rikors Maħluf Nunru 23/2021).

Bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**